# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-14 ta' Gunju, 2017**

**Fl-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni**
**Numru 734/17 fl-ismijiet:**

**Av. Jonathan Abela Fiorentino (K.I. 555482), bhala mandatarju specjali ta'Arlie Sterling, detentur tal-Passaport Amerikan bin-numru 444918779, u wkoll bhala mandatarju specjali ta'Marsoft International A/S, socjeta` registrata fin-Norvegja bin-numru 937 657 927 u b'indirizz registrat ta' Inkognitogata 33A, 0256 Oslo fin-Norvegja f'isimhom proprju u f'isem l-istess Arlie Sterling u/jew Marsoft International A/S in rappresentanza ta' Balticmax Holding Company Limited**

**vs.**

**1. Vroom Containers B.V., socjeta` registrata fl-Olanda bin-numru 22055081 u b'indirizz registrat ta' Haven Westzijde 21, 4511 AR Breskens, fl-Olanda;**

**2. Herman Marks detentur tal-Passaport Olandiz bin-numru BURC14296;**

**3. Stefan Quist, detentur tal-Passaport Olandiz bin-numru NNPoJ28B3; u**

**4. Balticmax Acquisition Corporation One Limited (C-70766)**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors guramentat promotur datat it-12 ta' Mejju, 2017, (ara foll 1);

2. Regghet rat id-digriet preliminari taghha datat ukoll it-12 ta' Mejju, 2017, (ara foll 1 u 8);

3. Regghet rat ir-risposta datata z-17 ta' Mejju, 2017, (ara foll 17);

4. Semghet lir-rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward;

Ikkunsidrat:

5.0. Illi r-rikorrenti essenzjalment qed jitolbu li jitharsu d-drittijiet taghhom billi l-intimati ma jithallux:

5.1. Jitrasferixxu ishma jew interessi ohra fis-socjeta` Balticmax Acquisition Corporation One Limited;

5.2. Jahtru diretturi godda fl-istess socjeta` fuq riferita;

5.3. Jiehdu kwalunkwe azzjoni minghajr l-awtorizzazzjoni ta' Arlie Sterling jew direttur iehor li jista' jigi nominat mis-socjetajiet hemm indikati;

5.4. Sintetikament ma jigux pregudikati d-drittijiet tar-rikorrenti bl-azzjonijiet tal-intimati kif indikat profuzament fir-rikors guramentat promotur;

Ikkunsidrat:

6. Illi bi ftehim bejn is-socjetatjiet kontendenti datat is-6 t'Ottubru, 2015, (ara foll 34), l-istess qabblu kif kellhom jirregolaw ir-relazzjoni taghhom ma xulxin;

7. Illi permezz tal-istess qabblu li d-direzzjoni li tigi moghtija tkun determinata <u>*unanimament*</u> f'*general meetings* tal-azzjonisti, (ara paragrafu numru 4 a foll 40);

8. Illi skont il-*Form T*, (ara foll 49), l-2000 ishma ordinarji tas-socjeta` *Balticmax Holding Company One Limited* gew trasferiti fis-7 t'April, 2017, lis-socjeta` *Vroom Containers B.V.*, u ghalhekk tal-ewwel ma baqghetx aktar *single member company*, (ara foll 50);

9. Illi Stefan Quist, (impjegat ta' *Vroom Containers B.V.* kien appuntat unilateralment direttur u segretarju tas-socjeta` *Balticmax Acquisition Corporation One Limited*;

10. Illi l-*Form H*, (ara foll 52), tindika li nhargu 50,000 ishma ordinarji godda favur *Vroom Containers B.V.* u dan, b'effett mis-7 t'April, 2017, (ara foll 53);

11. Illi jirrizulta li gie approvat *Memorandum and Articles of Association* gdid, (ara foll 54);

Ikkunsidrat:

12. Illi l-procedura odjerna hi limitata ghall-epurazzjoni tat-talba tar-rikorrenti ghall-hrug ta' mandat t'inibizzjoni li essenzjalment hi limitata ghal ezami *in prima facie* tal-vertenza in dizamina;

13.0. Illi ghalhekk dak li jrid jigi epurat hu sintetikament is-segwenti:

13.1. Jekk l-azzjonijiet tal-intimati ikunux ta' pregudizzju ta' xi dritt tar-rikorrenti;

13.2. Illi z-zamma tal-istess tkun mehtiega biex jigi mhares dan id-dritt tar-rikorrenti;

13.3. Ikun jidher *prima facie* li r-rikorrenti ghandhom dan id-dritt;

Ikkunsidrat:

14. Ili dwar il-prova tad-dritt *in prima facie* il-***Qorti tal-Appell***, fis-sentenza fl-ismijiet ***Sonia Grech proprio et nomine vs. Stephanie Manfre`***, datata l-***14 ta' Lulju, 1988***, ***(Kollez. Vol. LXXII II. 295***, irriteniet is-segwenti:

> "... huwa oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru *prima facie*, ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat";

15. Illi jinghad ukoll li l-fatt li tintlaqa' t-talba ghall-hrug tal-Mandat ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat;

16. Illi *vice-versa*, ma jfissirx li ghax it-talba ghall-hrug tal-mandat ma tintlaqax, allura d-dritt pretiz ma jezistix;

17. Illi ghandu jkun pacifiku li mhux il-kompitu tal-qorti *de quo* li tkun qed tezamina t-talba ghall-mandat in dizamina li tara jekk id-dritt pretiz hux suxxettibbli ghal success, izda il-mansjoni taghha hi limitata biss biex tara jekk id-dritt pretiz jikkwalifikax bhala tali *in prima facie*;

18. Illi finalment jigi sottolineat li r-rekwiziti ghall-hrug tal-mandat in dizamina huma ta' natura kumulattiva, u mhumiex alternattivi ghal xulxin u konsegwentement, kemm- il darba xi wiehed mill-istess rekwiziti ma jirrizultawx, il-qorti ghandha tirrespingi t-talba ghall-hrug tal-mandat in dizamina;

Ikkunsidrat:

19.0. Illi minn ezami tar-rizultanzi processwali jirrizulta sintetikament is-segwenti:

19.1. Illi hu pprovat sal-grad tal-*prima facie* li l-agir li minnu jilmentaw ir-rikorrenti effettivament sar minghajr id-debita awtorizzazzjoni tal-bord tad-diretturi tas-socjeta` ikkoncernata;

19.2. Illi tali agir johloq pregudizzju *in prima facie* irrimedjabbli lir-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

20.0. Illi konsegwentement din il-qorti hi sodisfatta li t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi akkolta, u konsegwentement:

**DECIDE:**

20.1. Takkolji t-talbiet tar-rikorrenti;

20.2. Takkolji *contrario imperio* d-digriet precedenti taghha datat it-12 ta' Mejju, 2017, b'mod li issa l-mandat *de quo* jinhareg b'mod permanenti;

20.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimati.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**